**FIL-BORD DWAR IL-KONTROLL TAL-KIRI TA' RABA**

**Magistrat Dr Joseph Apap Bologna B.A. LL.D.**

**Illum, 7 ta' Lulju 2000**

**Rikors Nru: 23B/95**

**Joseph u Lawrence ahwa Seychell**

**vs**

**Antonio u Generoso ahwa Abela**

Il-Bord,

Ra r-rikors in ezami li bih ir-rikorrenti wara li ippremettew illi huma jikru ossija iqabblu lill-intimati Abela l-ghalqa imsejjha tar-Ramla ta' San Tumas fil-kontrada tax-Xaghri limiti ta' Wied il-Ghajn ta' kejl superficjali ta' cirka tomna versu qbiela ta' 75 centezmu fis-sena prossima skadenza il-15 ta' Awissu 1996;

Illi huma jixtiequ jahdmu din l-ghalqa huma u oltre dan l-intimati mhux qed jahdmuha u tinsab ukoll fi stat abbandunat u hazin.

Talbu bir-rispett li dan il-Bord joghgbu jawtorizzahom jirriprendu l-pussess ta' din l-ghalqa, prevja occorrendo l-hlas ta' kumpens ghal benefikati.

Ra r-risposta tal-intimati li biha (a fol 5 tal-atti) esponew bir-rispett illi;

1. Mhux minnu li l-esponenti ma humiex jahdmu l-ghalqa in kwistjoni jew li abbandunawha u hallewha fi stat hazin, kif allegaw ir-rikorrenti ahwa Seychell;

2. Ghall-kuntrarju, l-esponenti hadu hsieb li kull sena jahdmuha u anke' dahhlu fiha aktar hamrija.

Ra l-atti kollha tal-kawza inkluzi in-noti rispettivi tal-partijiet (a fol 34 u 36 ibid).

Ikkunsidra

Illi r-rikorrenti ahwa jsostnu illi huma pensjonanti rispettivament bi pensjoni ta' Lm138.56 u Lm192 fix-xahar; illi huma ma ghandhomx raba iehor hlief illi Lawrence Seychell jahdem bicca raba zghira appartenenti lill-hatnu bil-prodott kollu ghall-istess rikorrenti, illi Lawrence Seychell, bhala dhul, ghandu biss l-imsemmija pensjoni waqt li r-rikorrenti l-iehor, inoltre, l-istess pensjoni, ghandu dhul ulterjuri ta' madwar Lm500 fis-sena minn imghaxijiet u illi Lawrence Seychell jixtieq l-istess art "ghall-bzonnijiet tieghu personali", waqt li Joseph Seychell jixtieq li jiehu l-istess art "ghall-uzu personali taghna ghall-uzu tal-kcina" (ara fol 7, 10, 13 u 18 tal-process).

Ikkunsidra

Illi a fol 23 tal-istess atti jinsabu annessi erba' ritratti bil-kulur mehudin mir-rikorrenti Joseph Seychell fl-14 ta' Settembru presumibilment tal-1996.

Ikkunsidra

Illi l-intimat Antonio Abela (a fol 20 u 21 tal-atti) isostni da parti tieghu, illi l-art in kwistjoni dejjem giet mahduma u "hadna hsiebha" izda peress illi "il-bahar jahkimha u fil-fatt tajba biss ghall-maghlef, ghall-ikel tal-bhejjem" fil-waqt li in rigward "ikel tal-kcina qatt ma hadna prodott" minhabba l-istess raguni. Pero' in kontroezami, hu qal li hu impjegat mal-Gvern u ghandu dhul ta' madwar Lm4000 fis-sena. In rigward l-intimat l-iehor Generoso Abela (a fol 15 u 16 ibid) dan xehed in kontroezami li hu ukoll impjegat mal-Gvern bi paga ta' Lm270 fix-xahar waqt li "Jiena u hija ghandha 21 tomna bejn tnejn".

Ikkunsidra

Illi l-esperti teknici tal-istess Bord, fir-rapport succint taghhom (a fol 32 tal-atti) raw u kostataw waqt l-access li nzamm fl-4 ta' Marzu 1997, illi l-istess raba ta' madwar tomna bhala kejl kien mizrugh bix-xghir u li l-benefikati li saru matul l-ahhar tmien snin kienu stmati Lm10.

Ikkunsidra

Illi mill-premess u b'applikazzjoni tal-artikolu 4(2) l-ewwel proviso tal-Kapitolu 199 tal-Ligijiet ta' Malta, jidher li r-rikorrenti ppruvaw li ghandhom bzonn tal-istess art waqt li l-intimati ma ippruvawx li effettivament ser ibatu xi "hardship" f'kaz li jigu akkolti it-talbiet tar-rikorrenti.

Ghaldaqstant il-Bord jilqa' t-talbiet tar-rikorrenti kif dedotti mill-istess rikors u;

1) jawtorizza lir-rikorrenti sabiex jirriprendu l-pussess tal-ghalqa imsejha "Tar-Ramla ta' San Tumas" fil-kuntrada tax-Xaghri, limiti ta' Wied il-Ghajn u aventi l-kejl superficjali ta' cirka tomna;

2) jordna lill-intimati sabiex jizgombraw mill-istess ghalqa sal-15 ta' Awissu 2000;

3) jordna lir-rikorrenti sabiex jhallsu lill-intimati s-somma ta' Lm10, likwidati kif premess in konnessjoni ma' benefikati.

Bl-ispejjez kontra l-istess intimati.

Alan Calleja
Dep.Reg.